MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 407/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BUTTIGIEG**

**VS**

**BRIAN CILIA**

**Illum 3 ta’ Frar 03.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Brian Cilia, ta’ 23 sena, iben Emanuel u Mary Ivy nee’ Walker, imwieled

Pieta', data tat-twelid 14 ta' Gunju 1979, residenti "Wooden Nickel Hse", Triq ir-Raddiena, Zebbug, bin-numru tal-karta ta' l-Identita' 299979 M;

Talli fis-27 ta' Mejju 2001, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artikolu 183 tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

2. Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn wahda mid-dokumenti u cioe' licenzja falsifikata;

3. Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura numru JAC 337, ta' ghamla Ford Escort minghajr ma kien kopert ghal riskju ta' terzi persuni;

4. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura numru JAC 337 ta' ghamla Ford Escort minghajr ma kellu l-licenzja tal-vettura mgedda ghas-sena kurrenti;

5. Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura numru JAC 337 ta' ghamla Ford Escort meta qabez il-linja l-bajda kontinwa;

6. Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq l-istess vettura u naqas jindika meta biddel id-direzzjoni tieghu;

7. Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq l-istess vettura fuq in-naha tax-xellug ta' triq;

8. U aktar talli kiser diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 12 ta' Mejju 2000, 22 ta' Jannar 2001 u 27 ta' Frar 2001.

Wara li rat l-Artikoli 183, 184, u 186 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65, l-Artikoli 75 u 88 tal-L.N. 128/94;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-istess imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti waqt li ssib lill-istess Brian Cilia, hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------